Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2057

Kaz Numru 2620/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Carmel Farrugia

U

Bank of Valetta plc

Dwar allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju u ksur tal-Ftehiem Kollettiv

Illum 21 ta' Frar 2011

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghut lit-Tribunal Industrijali datata 2 ta' Ottubru 2008 mill-Avukat Dr. Ian Spiteri Bailey fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali .

Carmel Farrugia maghruf bhala l-appellant kien assistita mill-Avukat Dr. Ian Spiteri Bailey u ghall-Kumpanija Bank of Valletta plc deher Mr. Noel Vassallo assistit minn Dr. Andrew Borg Cardona.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant iddikjara li huwa impjegat tal-bank fil-posizzjoni ta' Security Officer u ilu impjegat mal-bank fuq bazi full time mis-17 ta' Ottubru 1996 u jaghlaq l-eta ta' tmienja u hamsin sena fis-7 ta' Ottubru 2008. Hemm indikat fl-artiklu 52 tal-Ftehiem Kollettiv illi ghandu d-dritt li jirtiera kmieni ghax-xoghol skond dan il-ftehiem u ghalhekk minkejja li intalab li jirtiera qabel gie infurmat illi huwa ma

kienx eligibbli peress li kien qieghed jinterpreta l-klawsula hazina u ma kienx hemm precedent ta' persuna ohra li applikat u talbet l-istess haga u intlqaghet.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li l-agir taghhom huwa skond il-ftehiem vigenti u ma hemmx agir diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehedet Lourdes Vassallo fejn stqarret li bidet tahdem mal-Bank of Valletta fis-sena 1996 u irtirtat mill-bank fis-16 ta' Settembru 2006 ghax hadet l-early retirement.

Xehed Neville Bonnici li huwa Manager tal-Bank of Valletta u kellu kariga ta' Chairman tal-Kumitat Malta Union of Bank Employees u spjega li Skema A jifhem illi hija applikabbli ghal dawk il-haddiema li fl-ewwel ta' Jannar 2005 ghandhom hamsin sena u ghandhom minimu ta' ghaxar snin servizz kontinwu. L-ghaxar snin servizz kontinwu mhux bil-fors kellha tibda fl-ewwel ta' Jannar 2005.

Xehed William Portelli li huwa l-President tal-Malta Union of Bank Employees li stqarr li hu kien involut fin-negozjati li wasslu ghal ftehiem kollettiv fejn spjega li kien hemm disgwiet bejn il-partijiet dwar l-interpretazzjoni tal-iskema A pero l-Union baqa jinsisti li dawn kienu zewg referenzi separati. Ukoll il-bank ma ghandhux diskrezzjoni f'din il-haga. Skond ix-xhud Carmel Farrugia kellu d-dritt li jirtiera kmieni.

L-esponenti ssotometta l-Affidavit tieghu fejn spega fid-dettal il-grajjiet kif sehhew fejn spega li ma kellux ghaxar snin servizz mal-Bank fl-ewwel ta' Jannar 2005 pero huwa kien intitolat sabiex jirtiera kmieni.

Xehed Paul Spiteri li kien l-Executive HR tal-Bank of Valletta plc fejn spejga li wara li taw l-irtirar kmieni lil Lourdes Vassallo ircieva struzzjonijiet minghand il-CEO jigifieri s-Sur Xuereb fejn qallu li l-kwalsula tal-irtirar kmieni ghandha tigi interpretata li jkollha hamsin sena fl-ewwel ta' Jannar 2005 u li f'dik id-data trid tkun hadmet ghal ghaxar snin. Jiftakar illi wara li ittiehdet id-decizzjoni fuq Lourdes Vassallo ittiehdet Board decision li kull minn japplika ghandu jkollu

ghaxar snin servizz fid-data ta' l-ewwel ta' Jannar 2005 u li ghalhekk jista' jkun li kien hemm zball.

Xehed ukoll Gino Xuereb li huwa il-Chief Officer tal-Bank of Valletta plc fejn spejga li sar zball minn Paul Spiteri Head HR meta approva l-irtirar kmieni ta' Lourdes Vassallo. Spjega ukoll il-process ta' kif dahet din il-klawsula fil-fehiem kolelttiv. Spjega li wara li Lourdes Vassallo giet approvata l-irtirar kmieni taghha ix-xhud induna bl-izball li ma kellhiex ghaxar snin servizz. Induna li kull ma kien fadalla tahdem sabiex tilhaq l-ghaxar snin kienu disa' xhur u ghab-bazi ta' hekk ma irtirawx id-decizzjoni.

Xehed Charles Grech Soler li kien jahdem fil-HR u spjega li d-diskussjoni tal-iskema tal-irtirar kmieni kien f'idejn il-management.

Xehed Noel Scerri li huwa Executive HR fejn speja li dahlet klawsula fil-ftehiem kollettiv u giet ikkomunikata lil Union u ma kienx hemm diskussjonijiet qabel ma applika is-Sur Farrugia. Il-Unions kienu jafu ghaxiex qedghin jiffirmaw.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li din il-kawza tistrieh fuq l-interpretazzjoni tal-artiklu specifiku tal-Ftehiem Kollettiv kif ukoll jekk saret xi diskiminazzjoni jigifieri:

'This scheme is applicable to employees who as at 1st January 2005 are fifty (50) years and over and have a minimum of ten (10) years continuous service'

It-Tribunal qieghed jinterpreta din il-klawsula fis-sena illi impjegat ghandu dritt li japplika ghall-irtirar kmieni jekk ghandu hamsin sena maghluqa u li ghandu ghaxar snin ta' servizz kontinwu. Il-kelma 'and' jigifieri 'u' bil-malti, twassal il dan it-Tribunal il-konvinciment li hekk ghandha tigi interpretata din il-klawsula jigifieri li sabiex tibbenefika mill-irtirar kmieni iz-zewg kundizzjonijiet ghandhom japplikaw. Sfortunatament xi drabi dak li jitnbizzel mhux bil-fors jirrifletti li li jkun gie miftiehem pero minhabba l-fat li hemm il-firem tal-partijiet it-Tribunal ma jistax joqghod fuq x'hasbet xi parti jew l-ohra imma irid joqghod fuq dak li hemm miktub u iffiirmat. It-Tribunalk jikkonkludi li

jekk il-partijiet riedu jghidu xi haga ohra misset kienet miktuba ahjar halli jitnehha kull dubbju. It-Tribunal ma ghandhux ebda dubbju ta' din l-interpretazzjoni.

It-Tribunal issa irid jidhol fil-kwistjoni jekk kien hemm xi diskriminazzjoni. It-Tribunal sema ix-xhieda jghidu li kien zball genwien li Ms Vassallo ibbenefikat mill-irtirar kmieni u wara dan l-izball ma inghatewx beneficcji ta' irtirar kmieni lill-impjegati ohrajn fuq l-interpretazzjoni hazina u r-raguni ghax Ms Vassallo ma intalbietx sabiex terga tidhola lura ghax-xoghol kien li kull ma baqa kien disa' xhur. It-Tribunal jiddikjara illi qieghed jemmen il-verzjoni tal-bank in konnessjoni mal-kas ta' Ms Vassallo u jiddikjara li ma kienx hemm diskriminazzjoni fil-konfront ta' Carmel Farrugia.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-parijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li l-Bank of Valletta ma kkomettiex diskriminazzjoni fil-konfront ta' Carmel Farrugia u li l-istess Bank ma kisirx il-ftehim Kollettiv fil-konfront ta' Carmel Farrugia.

Ghaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan ir-rikors bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euros (euros 93).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr. Martin Fenech
Chairman

Vince Micallef
Segretarju

VERA KOPJA

Vincent Micallef
Segretarju